MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1194/2003

**Elmo Insurance Limited bħla rappresentanti tas-soċjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Rose Marie Co. Ltd. u l-istess Rose Marie Co. Ltd.
Vs
Christopher Borg**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-16 ta' Lulju, 2003 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' Lm 528.13 (ħames mija u tmienja u għoxrina lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu) bħala risarċiment ta' danni komplessivi bħala konsegwenza ta' nċident awtomobilistiku li ġara San Pawl il-Baħar fis-7 ta' Ġunju, 2001.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Din hija istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konventu għal risarċiment ta' danni komplessivi fl-ammont

ta’ ħames mija u tmienja u għoxrin lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu (Lm 523.13) (Lm503.13 lis-soċjeta’ Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm 25 lis-soċjeta’ Rose Marie Co. Ltd.) minnhom sborsati bħala konsegwenza ta’ inċident awtomobilistiku li ġara San Pawl il-Baħar fis-7 ta’ Ġunju, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru FBH 196 ħabat mal-vettura numru DBF 183, propjeta’ tas-soċjeta’ attriċi Rose Marie Co. Ltd. u misjuqa minn Mark Chetcuti, għal liema inċident il-konvenut kien unikament responsabbli minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż ta’ l-ittra uffiċjali (b’żewġ notifiki) tat-18 ta’ Frar, 2003 u dawk ta’ l-ittra uffiċjali (b’żewġ notifiki) preżentata kontestwalment ma’ dan l-att għan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proċeduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-imgħax legali b’effett mit-18 ta’ Frar, 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut Christopher Borg fejn ingħad illi:-

It-talba ta’ l-atturi għall-ħlas ta’ l-ammont ta’ ħames mija u tmienja u għoxrin lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu (Lm 523.13), għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, stante illi l-inċident de quo seħħ mingħajr ebda tort imputabbli lill-konvenut Christopher Borg, iżda seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta’ Mark Chetcuti, illi kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni DBF 183, assikurata mas-soċjeta’ attriċi Elmo Insurance Agency Limited, kif jista’ jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Id-diverġenza fil-kolliżjoni in eżami hija s-sekwenza tal-lights fuq il-post ta’ l-inċident. Kull parti tallega li hi mxiet skond l-indikazzjoni lilha mogħti mid-dawl ta' l-istess traffic

lights. Jekk hu hekk allura mhux suppost li ż-żewġ partijiet ħabtu u qegħdin quddiem dan it-Tribunal.

Xi parti minnhom żgur ma mxietx skond l-istess dwal. F'dan is-sens it- Tribunal jagħmel riferenza għall-kawża deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2001 fl-ismijiet "Elmo Insurance vs Spiteri Herbert" Ċitaz. Nru 1984/99 AJM fejn fis-sekwenza tad-dawl ġie kambjament eżaminata f'dik is-sentenza. F'dik il-kawża s-sekwenza ġiet stabbilita li huwa aħdar għal min ikun ġej min-naħa ta' Burmarrad għas-Salina, imbagħad warahom taqleb aħdar għal min ġej mis-Salina għad-direzzjoni opposta, imbagħad għal dawk li ħerġin minn Triq il-Pijunieri biex imorru jew lejn il-Coast Road jew jiġbdu lejn Burmarrad. L-attur kien ġej mill-Coast Road biex jidhol lejn Buġibba. Il-konvenut kien ħiereġ minn Triq il-Pijunieri biex jiġbed lejn il-Mosta.

Allura bħala preċidenza t-traffiku li ġej minn Triq is-Salini biex jibqa' sejjer dritt lejn Burmarrad jew biex jiġbed lejn Buġibba kellu preċidenza minn dawk il-vetturi li huma ħerġin minn Triq il-Pijunieri. Meta l-attur kien dieħel lejn Triq it-Turisti kien għadu orange, ossia kien qed jaqleb minn aħdar għall-aħmar u allura kellu preċidenza mit-traffiku li kien ħiereġ minn Triq it-Turisti, fejn dawn kellhom jistennew biex l-oħrajn joħorġu. Jirriżulta pero' illi fuq in-naħa tal-passiġġier tal-konvenut kien hemm trakk allura l-viżwali tiegħu kienet magħluqa u ma setax jara t-traffiku li kien ġej min-naħa tax- xellug tiegħu, aktar u aktar meta skond l-istess xhud, Michael Fenech, dawna ħarġu f'daqqa.

Illi l-quantum tad-danni ma ġewx kontestati u għalhekk qed jiġi akkordat.

Jiddeċiedi għalhekk billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' ħames mija u tmienja u għoxrin lira u tlettax-il ċenteżmu (Lm528.13) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------